**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fondul Proprietatea SA

*Konvenuta:* SC Hidroelectrica SA

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 107 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-parteċipazzjoni ta' kumpannija Rumena b'kapital pubbliku fil-kapital ta' kumpannija mħallta (Rumena-Torka) hija ekwivalenti għal għajnuna mill-Istat suġġetta għall-obbligu ta' notifika previst fl-Artikolu 108(3) TFUE?

   Din il-parteċipazzjoni tikkostitwixxi finanzjament pubbliku ta' natura selettiva li jista' jaffetwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-Unjoni?

2) Jista' jiġi kkunsidrat li din il-parteċipazzjoni ta' kumpannija b'kapital pubbliku li tipproduċi l-elettriku tikser il-prinċipju ta' separazzjoni tas-sistemi ta' trażmissjoni u tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni, stabbilit bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2009/72/KE dwar ir-regoli adottati għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku ([1])?

([1]) Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, p. 55).

---

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Jannar 2016 – Il-Kummissjoni vs Ir-Repubblika tal-Finlandja**

**(Kawża C-42/16)**

(2016/C 118/15)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Hottiaux u I. Koskinen)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Finlandja

**Talbiet**

— tikkonstata li, billi ħarġet duplikati ta' liċenzji tas-sewqan li l-perijodu ta' validità amministrattiva tagħhom jiskadi fit-18 ta' Jannar 2033, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 1 u taħt l-Artikolu 7 (2) tad-Direttiva 2006/126/KE ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan, u li, billi ma aderixxietx man-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 7(5)(d) ta' din l-istess direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Finlandja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Wieħed mill-għanijiet prinċipali tad-Direttiva 2006/126/KE huwa li ssaħħaħ il-livell ta' sigurtà tal-liċenzji tas-sewqan. It-termini previsti f'din id-direttiva jikkontribwixxu għat-twettiq ta' dan l-għan u għall-użu tal-metodi l-iktar riċenti sabiex tiġi evitata l-falsifikazzjoni tal-liċenzji tas-sewqan u sabiex l-għanijiet fil-qasam tas-sigurtà fit-toroq imfittxija mid-direttiva jintlaħqu. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2006/123/KE, il-liċenzja tas-sewqan nazzjonali għandha tiġi introdotta bbażata fuq il-mudell Komunitarju li jinsab fl-Anness I. L-Artikolu 7(1) tad-direttiva jiddefinixxi r-rekwiżiti applikabbli għal-liċenzji tas-sewqan u l-Artikolu 7(2) jistabbilixxi l-perijodu ta' validità amministrattiva tal-liċenzji maħruġa mid-19 ta' Jannar 2013. Fil-Finlandja, il-perijodu ta' validità amministrattiva tad-duplikati tal-liċenzji maħruġa wara d-19 ta' Jannar 2013 jista' jkun itwal minn dak awtorizzat mill-Artikolu 7(2)(a) u (b) tad-Direttiva 2006/126/KE.

Skont l-Artikolu 7(5)(d) tad-Direttiva 2006/126/KE, l-Istati Membri għandu jużaw in-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea minn meta dan isir operattiv. Dan in-netwerk tal-liċenzja tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea (RESPER) inħoloq u sar operattiv fid-19 ta' Jannar 2013. Peress li l-Finlandja ma aderixxietx man-netwerk tal-liċenzji tas-sewqan tal-Unjoni Ewropea (RESPER), huwa impossibbli għaliha li tivverifika fin-netwerk jekk il-kriterji ta' għoti ta' liċenzja humiex issodisfatti. L-Istati Membri l-oħra ma jistgħux jivverifikaw, b'kollaborazzjoni mal-Finlandja, l-osservanza tal-kriterji ta' għoti ta' liċenzja, u lanqas ma jistgħu jiskambjaw data mal-Finlandja. Għaldaqstant, għadu impossibbli li jsir skambju tad-data mal-Finlandja permezz tan-netwerk Ewropew kif jipprevedi l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2006/126/KE.

(1) ĠU L 403, p. 18.

---

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Frar 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-58/16)**

(2016/C 118/16)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls u L. Nicolae, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, billi naqset milli tiggarantixxi, fir-rigward tal-portijiet kollha tal-Land Nordrhein Westfalen, li jiġu ddefiniti l-konfini tal-port u li jiġu approvati l-valutazzjonijiet ta' sigurtà tal-port, kif ukoll uffiċjal ta' sigurtà, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 2(3), 6, 7 u 9 tad-Direttiva 2005/65/KE (1) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ottubru 2005, dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet;

— tikkundanna lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Taħt l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2005/65/KE, l-Istati Membri għandhom jiggarantixxu, għal kull port li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, li titwettaq valutazzjoni ta' sigurtà u li din tiġi approvata mill-Istat Membru kkonċernat. Din il-valutazzjoni ta' sigurtà, skont l-Anness I tad-direttiva, għandha tinkludi l-individwazzjoni taż-żoni kollha rilevanti għas-sigurtà tal-port, b'mod partikolari l-konfini tal-port.

Skont l-Artikolu 2(3), l-Istati Membri għandhom jindividwaw il-konfini ta' kull port, huma u jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-informazzjoni li tinsab fil-valutazzjoni tas-sigurtà tal-port. Il-paragrafu 4 jirrigwarda l-każ li fih il-konfini ta' impjant portwali fis-sens tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 (2) jinkludu l-port kollu.

Mill-ispezzjoni mwettqa fl-2013 ħareġ li ma twettqux il-valutazzjonijiet ta' sigurtà almenu għal 11 mill-portijiet tal-Land Nordrhein Westfalen suġġetti għad-Direttiva 2005/65/KE. Mill-iskambji suċċessivi ta' korrispondenza jirriżulta li din is-sitwazzjoni baqgħet ma nbidlitx.

Għal almenu l-istess numru ta' portijiet imsemmija hawn fuq, lanqas ma ġew iddefiniti l-konfini relattivi, peress li din id-definizzjoni tibbaża ruħha min-naħa tagħha fuq il-valutazzjoni ta' sigurtà, kif indikat hawn fuq.